MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 425/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Charles Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Charles Sammut ta’ 41 sena mwieled Pieta’ nhar id-29 ta’ Novembru, 1967 bin Romeo u Margaret nee’ Caruana residenti Blk B, Flat 6, Bellagio apts, Triq San Guzepp, Pieta’, detentur tal-karta ta’ l-identita’ Nru 491167M

Akkuzat talli b’diversi atti, anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, f’dawn il-Gzejjer:

1. Nhar id-19 t’April, 2009, ghal habta ta’ l-ghaxra u nofs ta’ filghodu, minn go residenza Blk 7, Flt 1, Triq in-Narcis, Ghaxaq ikkommetta serq ta’ flus kontanti u gojjelerija u xi oggetti ohra liema serq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta’ Raymond Tabone, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, bil-‘mezz’ u bil-‘lok’;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza Blk 7, Flt 1, Triq in-Narcis, Ghaxaq ghad-dannu ta’ Raymond Tabone liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centemzu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);
3. U talli fis-17 t’April, 2009 ghall-habta tan-nofs siegha ta’ wara nofs inhar u fil-hinijiet ta’ qabel minn go residenza 104, Bianco Nero, Triq l-Ghadajjar, Mosta kkommetta serq ta’ Laptop tal-marka ‘Dell’, gojjelerija u xi oggetti ohra liema serq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta’ Michael Cachia, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, bil-‘mezz’ u bil-‘lok’;
4. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fir-residenza 104, Bianco Nero, Triq l-Ghadajjar, Mosta ghad-dannu ta’ Michael Cachia liema hsara ma tkunx tiskorri izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) imma tkun izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29);
5. U talli nhar il-15 t’April, 2009, ghal habta tat-tmienja u hamsa ta’ fil-ghaxija u fil-hinijiet ta’ qabel, minn go residenza 16, Ave Maria, Triq il-Papa Gwanni Pawlu 1, B’Kara ikkommetta serq ta’ flus kontanti liema serq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha

u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta’ Christopher Elliot, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, bil-‘mezz’, u bil-‘lok’;

6. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza 16, Ave Maria, Triq il-Papa Gwanni Pawlu I, B’Kara ghad-dannu ta’ Christopher Elliot liema hsara ma tkunx tiskorri izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), imma tkun izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29);
7. U talli fl-20 t’April, 2009 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta’ filghodu minn go residenza 250, Triq il-Karmnu B’Kara, bil-hsieb li jghamel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u dan ghad-dannu ta’ Domenica Borg;
8. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza 250, Triq il-Karmnu B’Kara ghad-dannu ta’ Domenica Borg, liema hsara ma tkunx tiskorri izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) imma tkun izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29);
9. U talli fil-21 t’April, 2009 u fil-jiem ta’ qabel gewwa fond fi Triq il-Kappucini, Floriana laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehdua b’qerq jew akkwistati b’reat, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
10. Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta’ l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannati ghar-reati, b’sentenzi ta’ reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika fil-konfront ta’ l-imputat id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att dwar il-Moneylaundering Kap 373 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ai termini ta’ l-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 10 ta' Gunju, 2009, fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1) 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikolu 41(1)(a), 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu, 2010 (fol. 111 tal-process) l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri ghall-ewwel tmien (8) imputazzjonijiet, pero mhux ghall-imputazzjonijiet 9 u 10.[1] Din l-ammissjoni limitatament ghall-ewwel tminn (8) imputazzjonijiet giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-

[1] Ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2009 a fol. 31-32 tal-process.

ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficcjal tal-Probation.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssibu hati tal-ewwel tminn imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Ir-reati imsemmija f'dawn l-imputazzjonijiet jinsabu kontemplati fl-artikoli tal-Kodici Kriminali elenkati fil-paragrafi (a) sa (h) tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali imsemmi fil-paragrafu (i) tal-istess nota.

L-artikolu tal-Kodici Kriminali li jikkontempla d-disa' imputazzjoni, u cioe dik ta' ricettazzjoni, ma hux imsemmi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, u ghalhekk din il-Qorti mhix se tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

L-ghaxar imputazzjoni hija dik tar-recidiva kontemplata fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali li jinsabu elenkati fil-paragrafu (i) tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju. Din l-imputazzjoni giet ippruvata bit-tlett sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Konsegwentement, din il-Qorti issib lill-imputat hati tar-reati kollha kontemplati fl-Artikoli tal-Kodici Kriminali elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm l-imputat ammetta fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti, u ghalhekk fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, ma jistghax jinghad li l-imputat ikkopera mal-pulizija. Fl-ewwel zewg stqarrijiet tieghu l-imputat innega l-involviment tieghu f'dawn ir-reati. Kien biss meta l-pulizija sabet parti mir-refurtiva u l-ghodod u kellha provi bizzejjed biex tressqu l-Qorti u inbdew dawn il-proceduri, li l-imputat ghazel li jaghmel it-tielet stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu u jirregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri. Ghalhekk fil-verita' kien meta l-imputat sab ruhu dahru mal-hajt, li ddecieda li jammetti. Madanakollu, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghalkemm hela l-hin tal-Pulizija, l-imputat ma heliex il-hin tal-Qorti, u ghalhekk ghandu jibbenifika minn persentagg ta' riduzzjoni fil-piena.

Fit-tielet stqarrija tieghu – li saret pendenti dawn il-proceduri – l-imputat qal li ddispjacieh minn dak li ghamel, skuza ruhu u qal li ser jirritorna l-affariijiet li seraq kollha lura.[2] Huwa vera li l-imputat irritorna xi affarijiet lid-derubati pendenti dawn il-proceduri, pero' fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2009[3] sar is-segwenti verbal *"Dr Arthur Azzopardi ghall-parte civile kollha jiddikjara illi sa llum il-parte civile b'mod kollettiv gew risarciti fl-ammont ta' 4500 Euro, li hu ekwivalenti ghal terz mill-ammont dovut."* Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2010,[4] - cioe' sena wara – sar is-segwenti verbal *"Il-partijiet jaqblu li l-4500 Euro li l-imputat hallas lill-parte civile jirrapprezentaw biss terz tal-ammont li l-imputat ghandu jaghti lill-istess parte civile."* Is-sitwazzjoni ghada l-istess sal-lum, u cioe' minkejja li dawn il-proceduri hadu s-snin, l-imputat baqa' ma hallasx lill-parte civile l-ammont ta' disat elef Euro (€9,000) lilhom dovut, kif minnu rikonoxxut.

Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet car li l-imputat qalilha li ma riedx ihallas lill-parte civile qabel tinqata' din il-kawza. Fil-fatt hija tghid hekk *"Rigward il-kumplament tal-flus, l-ikkoncernat jghid li "ma rridx intihom il-flus qabel ninghata s-sentenza, biex umbaghad ma nkun*

[2] Ara it-tielet stqarrija a fol. 37 tal-process.
[3] A fol. 97 tal-process.
[4] A fol. 134 tal-process.

*solvejt xejn." Hu jkompli jghid li lest ikompli jhallas is-somma dovuta lill-vittmi, wara li tigi moghtija lilu s-sentenza."*[5] Frankament, il-Qorti ma ssib l-ebda logika f'dan ir-ragunament tal-imputat.

L-unika raguni li tista' tahseb fiha din il-Qorti ghal dan ir-ragunament huwa li l-imputat qed jipprova jinfluwenza lil din il-Qorti, fis-sens li jekk din il-Qorti ma tikkundannahx ghal piena karcerarja sospiza (kif irid hu), fejn tista tordnalu jhallas lill-parte civile, imma tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva, huwa ma kienx se jhallas lill-parte civile l-kumplament tal-flus li ghandu jtihom. Frankament, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-imputat kien jaqbillu – anke mill-aspetti kollha dwar il-piena – kieku hallas l-ammont kollu minnu dovut lill-parte civile, qabel inghatat din is-sentenza llum.

Mhux talli l-imputat ma hallasx l-ammont minnu dovut, talli minkejja l-verbali fuq citati fejn ammetta li kien fadallu jaghti disat elef Euro (€9000) lill-parte civile, fix-xhieda tieghu wara li gie pprezentat il-*pre-sentencing report*, huwa jghid li kulma fadallu jhallas huwa elfejn u mitejn Euro (€2200).[6] Il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta aktar.

Il-fedina penali aggiornata tal-imputat fiha xejn inqas minn hamsin (50) kundanna, fosthom ghaxra (10) ta' ingurja u theddid lill-Pulizija, hdax-il (11) kundanna relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, tnejn (2) relatati ma' ksur tal-ligijiet dwar sewqan tal-ingenji tal-bahar u wahda (1) ta' falsifikazzjoni ta' *trademarks.* Mix-xhieda tal-imputat stess jirrizulta li dan l-ahhar reat gie kommess fil-mori ta' dawn il-proceduri, meta l-imputat kien inghata l-liberta provizorja u ghaldaqstant kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja. L-imputat dejjem inghata opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mill-hajja ta' kriminalita'. Fil-fatt inghata l-liberta kondizzjonata seba' (7) darbiet u qatt ma ntbaghat il-habs. Ghalkemm ir-reati m'humiex fost l-iktar serji, n-numru impressjonanti ta' kundanni turi bic-car li l-imputat m'ghandux rispett la lejn il-ligi, la lejn l-awtoritajiet kompetenti, u lanqas lejn is-socjeta'. Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti wasal iz-zmien li jiehu tghalima.

Din l-opinjoni tal-Qorti, taqbel ukoll mar-rakkomondazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation, li qalet hekk:

[5] Ara fol. 172 fuq in-naha wara.
[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 151 tal-process.

*"Minn informazzjoni migubura ghall-fini ta' dan ir-rapport, jidher li Charles Sammut ghadu mhux qed jifhem il-gravita ta' kaz bhal dan, tant li jasal jghid li l-kaz tieghu mhux xi wiehed partikolari u li jinstemghu diversi kazijiet simili gewwa l-Qorti. Dan huwa fatt inkwetanti aktar meta wiehed jiehu inkonsiderazzjoni l-fatt, li mill-fedina penali jidher car li l-imputat inghata diversi opportunitajiet min-naha tal-Qorti sabiex jirrijabilita ruhu. Minkejja dan, huwa m'gharafx jisfrutta dan ic-cans, tant li baqa' sena wara sena jigi nvolut f'kazijiet diversi mal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali. Wiehed ta' min isemmi wkoll li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-Qorti, fir-rigward ta' dan il-kaz odjern, f'dan li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.*

*F'kaz bhal dawn wiehed irid izomm f'mohhu wkoll il-vittmi, li sofrew huma u l-familji rispettivi taghhom. Dawn mhux biss sfaw fizikament misruqa mill-affarijiet li kienu jappartjenu lilhom, izda wkoll saritilhom hsara psikologika, specjalment lit-tfal taghhom li ghexu din l-esperjenza wkoll.*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport, qed jigi rikommandat lil din l-Onorabbli Qorti li Charles Sammut jinghata piena karcerarja sabiex b'hekk ikun jista' jpatti ghall-agir tieghu, filwaqt li jahdem dwar l-imgieba raffrettarja, liema imgieba ilha tippersisti ghal diversi snin. Qed jigi rrakkomandat ukoll li l-ikkoncernat jaghti kumpens xierqa lill-vittmi ghall-kumplament tal-flus u l-oggetti li gew misruqa lilhom."*

Din il-Qorti taqbel li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-piena idonea hija wahda karcerarja effettiva. Ghalkemm din il-Qorti ovvjament taqbel ukoll mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li l-imputat ghandu jhallas il-bqija tal-ammont dovut lill-parte civile, legalment hija ma tistax tordnalu li jaghmel dan, ladarba se tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva.

Fl-ikkalibrar ta' din il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li r-reat huwa wiehed kontinwat, u fl-opinjoni tal-Qorti huwa gust fic-cirkostanzi li l-piena tizdied bi grad.

L-imputat instab hati li huwa wkoll recidiv, u ghalhekk, il-piena ghandha tizdied bi grad iehor.

Min-naha l-ohra, ghal fini tal-piena, ir-reat ta' danni volontarji huwa assorbit f'dak ta' serq aggravat, stante li serva bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess l-istess serq.

Kif inghad aktar il-fuq, l-imputat ghandu jibbenifika minn riduzzjoni fil-piena ghax irregistra ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi elenkati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu, u cioe:

(a) l-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) l-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) l-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1) 280(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(g) l-artikolu 41(1)(a), 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(i) l-artikoli 17, 18, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

issib lill-imputat hati tar-reati kollha kontemplati f'dawn l-artikoli u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija effettivi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------